**QORTI CIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' l-Erbgha 17 t'Ottubru, 2018**

**Rikors Numru : 895/2015 JPG**

**Kawza Numru : 2**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Arrest ta' Ingenji tal-Ajru [Kawtelatorju] Numru 1044/2015 mahrug fis-27 ta' Gunju, 2015 fl-ismijiet:**

**Dr. Ali Hassan ElShanti [Passaport Libjan Numru – C2G39NK9] in rapprezentanza ta' United Aviation Company Spa (Libya Company Re. Number 65991), Mittiga International Airport, P.O Box 91637, Tripoli**

**Vs**

**Shaker Own li b'digriet tal-1 ta' Lulju 2014 gie nominat bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-kumpanija estera EACS – Executive Authority for Air Cargo and Special Flights ta' Tripoli International**

**Airport, East Gate, Tripoli, Libya**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Dr. Ali Hassan ElShanti [Passaport Libjan Numru – C2G39NK9] in rapprezentanza ta' United Aviation Company Spa (Libya Company Re. Number 65991), datat 24 ta' Settembru, 2015, a fol 1 et seqq, li jaqra hekk:

1. *Illi fuq talba tal-esponenti noe, din l-Onorabbli Qorti kienet ordnat il-hrug ta' mandat kawtelatorju ta' arrest tal-ajruplan bin-numru ta' registrazzjoni 5A-UAC tal-marka Bombardier Global 5000 bin-numru tas-serje MSN 9257;*

2. *Illi mis-27 ta' Gunju 2015, data tal-hrug tal-imsemmi mandat, l-imsemmi ajruplan qieghed jinzamm gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, taht il-pussess u l-kontroll tal-Awtorita tat-Trasport f'Malta bhala l-awtorita kompetenti ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 865C(2) tal-Kapitolu 12;*

3. *Illi fejn si tratta ta' ingenji tal-ajru li jkunu out of service ghal tul ta' zmien, huwa necessarju, ghal preservazzjoni tal-istess, li tigi adoperata w implementata sistema regolari ta' manutenzjoni tal-istes u dana kif jirrizulta ahjar mill-Aircraft Maintenance Manual tal-ingenji tal-ajru tat-tip Bombardier Global 5000 (hawn anness u markat Dok A);*

4. *Illi l-esponenti noe ghandu interess li l-ajruplan jinzamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, li jipprevjeni d-deterjorazzjoni tal-istess u li jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega necessarji sabiex jassigura ruhu li l-ajruplan li gie arrestat ma ssirlu l-ebda hsara;*

5. *Illi maghdud ma' dan il-ligi stess tikkontempla l-preservazzjoni ta' ingenji arrestati meta tistabilixxi fl-artikolu 865C(4) li "l-ispejjez kollha li jkunu mehtiega ghall-preservazzjoni tal-ingenji tal-ajru arrestat ghandhom, mill-mument meta l-mandat ta' arrest jigi notifikat lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, jithallsu mill-parti li tkun harget il-mandat, minghajr hsara ghad-dritt li tigbor lura dawk l-ispejjez flimkien mal-pretensjoni taghha";*

6. *Illi l-esponenti noe jiddikjara ghal kull buon fini li din il-manutenzjoni ser issir tramite l-Mediterranean Aviation Company Limited li hija socjeta' registrata f'Malta u li hija awtorizzata dabiex tikkonduci u timplimenta sistemi ta' manutenzjoni mill-European Aviation Safety Agency u mill-Federal Aviation Administration Repair Station tal-Istati Uniti;*

*Ghaldaqstant l-esponenti noe jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizzah jimplimenta sistema ta' manutenzjoni regolari tal-ajruplan bil-marka ta' registrazzjoni 5A-UAC tal-marka Bombardier Global 5000 bin-numru tas-serje MSN 9257 li jinstab mizmum gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta taht il-mandat ta' arrest fuq citat, u dana dejjem taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Shaker Own detentur ta' Passaport Libyan Numru: 246147, bhala kuratur deputat ta' l-Executive Authority fo special Flight (EACS) ghar-rikors ta' Dr. Ali Hassan Elshanti, datata 14 ta' Ottubru, 2015, a fol 31 et seqq, li taqra hekk:

*Illi l-esponenti in rapprezentanza tal-**Executive Authority for Special Flight [EACS]** ma jopponix ghat-talba kontenuta fir-rikors promotur numru: 895/2015 JPG sabiex dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza l-esekuzzjoni ta' manutensjoni fuq l-ajruplan bir-registrazzjoni 5A-UAC tal-marka Bombardier Global Express [BD 700 Series] bin-numru tas-serje MSN 9257 liema ajruplan huwa kolpit mill-Mandat ta' Arrest ta' Ingenji ta' l-Ajru fl-ismijiet premess **izda jopponi** ghat-talba li din il-manutensjoni tigi esekwita mis-socjeta' Mediteranean Aviation Company Limited [Medavia].*

*Illi l-opposizzjoni tal-esponenti ghat-talba tar-rikorrent Dr.Ali Hassan ElShanti li l-manutensjoni tigi esekwita mis-socjeta' Mediterranean Aviation Company Limited hija motivata minn u bbazata fuq is-segwenti ragunijiet, fatti u cirkostanzi:*

a. *Is-socjeta Mediterranean Aviation Company Limited hija kkontrollata minn*

*nies u ufficjali vicini u lejali ghall-Gvern hekk imsejjah ta' Salvazzjoni bbazat fi Tripli, liema Gvern huwa wara l-instigazzjoni tal-Mandat ta' Arrest fuq imsemmi mirat sabiex jikkolpixxi l-Gvern Interim tal-Libya, li huwa l-Gvern legittimu u rikonoxxut internazzjonalment u li allura tramite l-Awtorita konvenuta li giet dikjarata u vestita bil-proprjetarja tal-ajruplan oggett u mertu ta' dan ir-rikors u li sad-data li giha gie spedit l-imsemmi Mandat ta' Arrest, kienet qieghda taghmel uzu mill-imsemmi ajruplan. Jiddesta ghalhekk wisq suspett il-fatt li qieghed jintalabm taht il-pretest ta' esekuzzjoni ta' manutensjoni, li l-ajruplan jghaddi taht il-kontroll tas-socjeta Mediterranean Aviation Company Limited. L-istess rapprezentant tas-socjeta rikorrenti United Aviation Company, kumpannija li giet xolta u kkancellata mill-Gvern Interim tal-Libya [li huwa l-Gvern legittimu u rikonoxxut internazzjonalment] u li l-Gvern hekk imsejjah ta' Salvazzjoni immexxi minn Tripli pprova jirisuxxita, Dr. Ali Hassan ElShanti, huwa ukoll wiehed mill-ufficjali tas-socejta Mediterranean Aviation Company Limited, tant li huwa ghandu l- posizzjoni ta' direttur fl-imsemmija socjeta Mediterranean Aviation Company Limited u huwa wiehed minn dawk il-persuni u ufficjali vicini u lejali ghall-Gvern imsejjah ta' Salvazzjoni li gew imqeghda fl-imsemmija socjeta Mediterranean Aviation Company Limited meta il-Gvern hekk imsejjah ta' Salvazzjoni hataf il-kontroll ta' din is-socjeta. Kopja ta' estratt mill-website tar-Registru tas-Socjetajiet li juri li Dr. Ali Hassan ElShanti huwa direttur tas-socjeta' Mediterranean Aviation Company Limited qieghda tigi hawn unita u mmarkata Dokument A.*

*b. Minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad ukoll li s-socjeta Mediterranean Aviation Company Limited ma hijiex awtorizzata u ccertifikata sabiex tezegwixxi manutensjoni fuq l-ajruplani Bombardier Gloabal Express [BD 700 Sereis] u konsegwenza ta' hekk manutensjoni ezekwita minn Maintenance Provider mhux certifikat jikkawza pregudizzju serju lill-ajruplan u lis-sid u proprjetarju ta' l-ajruplan u tal-magni tieghu barra li jikkostitwixxi ksur tal-approvazzjoni u awtorizazzjoni mahruga mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni civili kemm f'Malta kif ukoll fil-Libja. Konferma tal-mankanza tac-certifikazzjoni mehtiega sabiex is-socjeta Mediterranean Aviation Company Limited tezegwixxi l-manutensjoni fuq dan it-tip ta' ajruplan (Bombardier Global Express – BD 700 Series)*

*tirrizulta mid-dokumenti li qeghdin jigu hawn uniti u mmarkati bhala Dokumenti B u C.*

c. *Jirrizulta li hawn kumpannija ta' manutensjoni ta' ajruplani indipendenti f'Malta li barra li hija certifikata sabiex taghmel manutensjoni fuq dan it-tip ta' ajruplan (Bobardier Global Express – BD 700 Series) hija l-unika Maintenance Provider awtorizzata u certifikata mis-socjeta multinazzjonali Bombardier, kostruttur tal-ajruplan oggett u mertu ta' din il-procedura u ta' ajruplan tat-tip tieghu. Din is-socjeta diga ezekwiet xogjol ta' tiswija fuq dan l-ajruplan inkluz xoghol ta' manutensjoni meta l-istess ajruplan waqt li kien Malta inhtieglu xogjol ta' tiswija u manutensjoni. Din hija is-socejta M.C.M Maintenance Centre Malta Limites. Qeghdin jigu ezebiti dokumenti li juru li is-socjeta M.C.M Maintenance Centre Malta Limited ghandha l-approvazzjonijiet u l-awtorizazzjonijiet mehtiega mill-awtoritajiet tal-Avvjazzjoni Civili Maltin u Libjani sabiex tezekwixxi xogholijiet inkluz dawk ta' manutensjoni fuq ajruplani tat-tip ta' dak oggett u mertu ta' din il-procedura u li hija Service Facility awtorizzat tas-socjeta Bombardier u li ufficjali taghha huma addestrati sabiex jesekwixxi sawn is-servizzi u xogholijiet. Dawn id-dokumenti qeghdin jigu mmarkati bhala Dokumenti D, E, F, G, H, I, J,K u L.*

d. *Finalment jigi rilevat li skont il-website tas-socejta multinazzjonali Bombardier [http://customerservices.aero.bombardier.com/Service-andMaintenance-Network/Business-Aircraft/Authorized-Service-Facilites] is-socjeta M.C.M Maintenance Centre Malta Limited hija l-unika Authorised Service Facility f'Malta. Kopja ta' shot tal-pagna tal-website tas-socjeta Bombardier tinsab hawn unita u mmarkata bhala Dokument M.*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi joghgobha takkolji t-talba kontenuta fir-rikors promotur sabiex jigi awtorizzat li ssir u tigi esekwita l-manutensjoni fuq l-ajruplan bir-registrazzjoni 5A-UAC tal-marka Bombardier Global Express [BD 700 Series] bin-numru tas-serje MSN 9257 filwaqt li tirrespingi t-talba it-talba li l-manutensjoni ssir u tigi esekwita mis-socjeta Mediterranean Aviation Comapny Limited u minflok tawtorizza li l-manutensjoni ssir mis-socjeta M.C.M Maintenance Centre Malta*

*Limited u dan taht u sugget ghal dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li tordna.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-digriet fejn il-Qorti ordnat l-isfilz tax-xhieda ta' Shaker Own. (Vide fol 184 et seqq)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazjoni mid-difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**Dr. Pio Valletta** xehed a fol 137 *et seqq* illi hu kien ircieva struzzjonijiet dwar dawn il-kawzi minghand Shaker Own li kien id-direttur generali tal-Executive Authority for Special Flights. Zied illi dak iz-zmien, il-gvern fil-Libya kien il-gvern ta' Tobrouk, li eventwalment gie ezawtorat u l-gvern sar dak immexxi mill-Prim'Ministru Sarraj. Spjega illi ghalhekk kien ikkomunika mieghu certu Gamudi tramite *email* illi kienu gejjin Malta ghaliex xtaqu xi nformazzjoni minghandu rigward dwar il-kazijiet u ghalhekk kienet saret laqgha f'Mejju tal-2017. Qal illi pero Shaker Own baqa' jinsisti illi l-Executive Authority for Special Flights taqa' taht il-kontroll tal-gvern ta' Tobrouk u li allura Gamudi m'huwiex il-legittimu rapprezentant taghha. Spjega li ghalhekk waqt il-laqgha, ghal liema kien attenda wkoll rapprezentant tal-Ministeru tal-Afarijiet Barranin fil-Libja, hu kien talab illi jinghata komunikazzjoni minn dan il-Ministeru lil Ministeru tal-Affarijiet Barranin Malti rigward min verament hu il-legittimu rapprezentant tal-Executive Authority for Special Flights sabiex hu ikollu f'idejh document ufficjali, izda din il-komunikazzjoni qatt ma waslet. Xehed li ghalhekk m'hemmx kjarezza ghaliex illum il-gurnata il-Libja hija gvernata minn erba' jew hames gvernijiet u hadd ma jaf min huwa effetivament l-gvern tal-Linja.

**In kontro-ezami** a fol 138 *et seqq* xehed illi ghalih mhux bizzejjed li jiltaqa' ma Gaumdi ghaliex hu ma jafux u ghalhekk ghandu bzonn ta' komunikazzjoni ufficjali. Ikkonferma illi rcieva l-email immarkata bhala MDM1 tas-16 ta' Novembru 2016 u kkonferma wkoll li huwa ma kienx wiegeb din l-email. Spjega li dan kien ghaliex huwa ma jafx lil Gamudi, u zied li hu

stess kien baghat sitt emails lil Gamudi li baqghu minghajr twegiba.

**Khalil Taher Elgamudi** xehed a fol 141 *et seqq* illi huwa l-General Manager ta' Air Cargo and Special Flights, maghrufa wkoll bhala EACS. Xehed illi hu kien gie appuntat f'din il-posizzjoni mill-Prim'Ministru tal-Gvern tal-Akkordju Nazzjonali tal-Libja, Fayez Al-Sarraj, u ilu f'din il-posizzjoni mill-1 ta' Novembru 2016. Xehed illi dan huwa l-Gvern li huwa rikonoxxut minn-Nazzjonijiet Uniti. Spjega illi l-funzjoni tal-Executive Authority, li topera minn Tripoli, hija illi tipprepara u tmanti l-ajruplanti ghas-servizz tal-awtoriza nazzjonali, u cioe ghal Prim Ministru u l-ministri tal-kabinet ghat-titjiriet taghhom. Qal illi l-General Manager ta' qablu kien Gamil Shebana li kien gie appuntat fl-ahhar tal-2015, u qablu kien Shaker Own. Qal illi Shaker Own m'ghadux impjegat mal-Executive Authority, u li filfatt kien sparixxa meta kien gie deciz li jinbidel il-General Manager sabiex minfloku jsir Gamil Shebana.

Spjega li meta sar General Manager hu kien ghamel dikjarazzjoni iffirmata minnu u mic-Chairman tal-United Aviation, u approvata mill-Prim'Ministru Fayez Al-Sarraj, data 16 ta' Novembru 2016 (Dok KTE1) u baghtuha lill-avukat Dr. Pio Valletta, u kien talbu sabiex iwaqqa' l-kawza u jirritorni l-ajruplan in kwistjonilil United Aviation. Muri dan id-dokumenti, a fol 155, gharaf il-firma tieghu, il-firma tac-chairman tal-United Aviation u l-firma tal-Prim Ministru. Spjega illi ghalhekk illum il-gurnata l-Executive Authority tirrikonoxxi illi dawn l-ajruplani m'humiex proprjeta tal-Executive Authority izda ta' United Aviation Company. Zied illi din il-kumpanija hija s-sid irregistrat mac-Civil Aviation ta' Tripoli. Ikkonferma illi Executive Authority m'ghandha l-ebda oggezzjoni illi United Aviation tiehu lura l-pussess ta' dawn l-ajruplani.

**Idris Ateia Ramadan Kashker** xehed a fol 148 *et seqq* illi huwa c-Chairman tal-Bord tad-Diretturi ta' United Aviation, u ilu jokkupa din il-posizzjoni sa mill-ahhar tal-2012. Spjega illi United Aviation hija effetivament il-proprjeta tal-Istat Libjan. Qal ukoll illi l-gvern Libjan li huwa rikonoxxut huwa dwar tal-Akkordju Nazzjonali. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu fuq Dok KTE1 u s-sigil tal-United Aviation. Gharaf ukoll il-firma ta' Gamudi u tal-Prim Ministru Sarraj. Xehed illi l-ajruplan in kwistjoni gie ufficjalment ritornat lis-socjeta rikorrenti, kemm konvenzjonalment u kif ukoll bil-ligi, izda s-socjeta rikorrenti ghad m'ghandiex il-pusses tieghu peress illi ghadu jinsab taht mandat t'arrest hawn Malta.

**In kontro-ezami** qabel illi dawn il-mandati inhargu ghaliex hemm pretensjonijiet ta' natura

pekunarja in rispett ghas-servizzi resi, izda zied illi s-socjeta rikorrenti hija disposta li thallas.

**Ikkonsidrat;**

Dan huwa provvediment wara talba maghmula mis-socjeta rikorrenti sabiex din il-Qorti tawtorizzaha timplimenta sistema ta' manutenzjoni regolari tal-ajruplan bil-marka ta' registrazzjoni 5A-UAC tal-marka Bombardier Global 5000 bin-numru tas-serje MSN 9257 li jinstab mizmum gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta taht il-mandat ta' arrest fl-atti ta' liema gie ntavolat dan ir-rikors. Is-socjeta ntimata minn naha taghha rrispondiet illi hija m'ghandha l-ebda oggezzjoni ghal din it-talba, izda resqet oggezzjoni biss fir-rigward ta' liema kumpanija ghandha tkun awtorizzata li taghmel il-manutenzjoni rikjesta.

Il-Qorti rat illi fis-sottomissjonijiet tieghu, l-abbli difensur ghall-intimat noe argumenta illi galadarba l-awtorita ntimata hija awtorita tal-gvern Libjan skont id-dritt internazzjonali hija mmuni minn kull azzjoni civili. Issottometta wkoll illi din l-immunita setghat validament titqajjem fi stadju ta' sottomissjonijiet finali ghaliex hawnhekk si tratta ta' Stat Sovran u ghaldaqstant dawn il-proceduri jippekkaw f'dan l-element.

Il-Qorti rat li ma tresqet l-ebda eccezzjoni fir-risposta fis-sens illi din il-Qorti m'ghandiex il-gurisdizzjoni sabiex tiddetermina t-talba tas-socjeta rikorrenti ghaliex il-kumpanija ntimata hija awtorita, jew proprjeta tal-Istat Libjan li tgawdi minn immunita skont id-dritt internazzjonali. Illi pero, ikkonsidrat l-importanza tal-principju tal-immunita tal-Istati sovrani mill-gurisdizzjoni tal-Qrati barranin, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi ghandu jigi determinat jekk il-kumpanija ntimata, bhala kumpanija statali, hijiex immuni ghal dawn il-proceduri.

Il-Qorti taghraf illi l-immunita tal-istati sovrani mill-gurisdizzjoni tal-Qrati barranin hija bbazata fuq id-dottrini fondamentali fid-dritt internazzjonali pubblika illi ***par in parem non habet imperum***. Fid-dritt Ingliz, din id-dottrina tinsab abbracjata mill-Qrati fejn intqal illi:

> **"*The courts of a country will not implead a foreign sovereign, that is, they will not by their process make him <u>against his will a party</u> to legal proceedings whether the proceedings involve process against his person or to seek to recover from him specific property or damages*."[1]**

[1] The Cristina, England, [1938] AC 485, 490; 9 AD 250, 252.

***[enfasi ta' din il-Qorti]***

Il-Qorti taghraf illi fis-sistema legali Maltija m'hemmx ligi illi tirregola l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin f'litigji li jinvolvu Stati barranin jew il-proprjeta taghhom, u li Malta m'hijiex lanqas *signatory* tal-United Nations Convention on the Immunity of States and their Property. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **AWT Handels Gesellschaft mbH kif rappreżentata lokalment mill-mandatarju tagħha Dottor Louis Cassar Pullicino v Il-bastiment M/V Dmitriy Polujan et** deciza fl-1997[2] fejn il-Qorti kienet ghamlet analizi tal-prattika tal-Qrati Inglizi ghad-determinazzjoni ta' jekk il-Qorti ghandiex gurisdizzjoni fuq Stat barrani jew le. Dan sar fid-dawl ta' dak li kien intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Callus vs Paris** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-1969, u cioe illi:

> "***Sakemm il-prinċipji aċċettati u applikati mill-Qrati tagħna fuq il-bażi tad-dritt pubbliku Ingliż ma ġewx opposti mill- Kostituzzjoni u huma kompatibbli magħha jew ma' xi liġi oħra ta' Malta, ma għandhomx bla raġuni jiġu mwarrba.***"

Fil-fehma tal-Qorti, tal-kumpanija ntimata ma setghatx tqajjem kwistjonijiet ta' immunita ta'stat sovran, meta fir-risposta taghha s-socjeta ntimata kjarament issottomettiet ruhha ghal gurisidzzjoni ta' din il-Qorti. Fil-fehma tal-Qorti, huwa car illi s-socjeta ntimata ssottomettiet ruhha ghal gurisdizzjoni ta' din il-Qorti ghaliex fir-risposta taghha hija eccepiet illi m'hijiex qed topponi t-talba tas-socjeta rikorrenti, izda kienet qed topponi biss illi l-manutenzjoni necessarji ssir minn Mediterranean Aviation Company Limited. Ghalhekk huwa car li s-socjeta' ntimata m'hijiex qed tigi kostretta ssir parti f'dawn il-proceduri kontra r-rieda taghha.

Illi l-Qorti hija tal-fehma inoltre illi huwa mportanti illi zzomm quddiem ghajnejha wkoll il-htigijiet tal-ajruplan sabiex dan jibqa *air worthy*. It-talba li trid tigi determinata minn din il-Qorti hija biss ghall-manteniment tal-ingenji tal-arju maqbuda hawn Malta b'mandat t'arrest kawtelatorju. Ghalhekk il-Qorti m'hijiex hija mitlub sabiex tiddetermina jekk dawn il-mandati ghandhomx jibqghu in sehh, u lanqas m'hi qed tigi mitluba sabiex tordna xi mizuri addizzjonali.

---

[2] Kollezzjoni ta' Deċiżjoni tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. LXXXI, Pt. III, 315. [sentenza mhux ippubblikata online].

Il-Qorti ghalhekk tqis illi t-talba tas-socjeta rikorrenti timmerita li tigi milqugha. Il-manutenzjoni perjodika ta' ingenji tal-ajru hija ndispensabli sabiex ic-certifikazzjoni taghhom tibqa' valida, u sabiex il-kondizzjoni taghhom tibqa' tajba. Ghalhekk huwa car illi li kieku l-Qorti jkollha tichad it-talba tas-socjeta rikorrenti, kull ma jkun qed isir huwa li possibilment jigi arrekat dannu lil dawn l-ingenji tal-ajru, haga li zgur l-ebda wahda mill-partijiet ma trid. Illi pero, stante illi fl-atti tal-kawza hemm biss prova illi hija M.C.M. Maintenance Centre Malta Limited illi hija awtorizzata sabiex taghmel manutenzjoni fuq il-Bombardier Global 5000, u m'hemmx prova illi Mediterranean Aviation Company Limited ghandha wkoll din l-awtorizazzjoni, il-Qorti tqis illi l-manutenzjoni ghandha ssir minn M.C.M. Maintenance Centre Malta Limited.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u tawtorizzah jimplimenta sistema ta' manutenzjoni regolari tal-ajruplan bil-marka ta' registrazzjoni 5A-UAC tal-marka Bombardier Global 5000 bin-numru tas-serje MSN 9257 li jinstab mizmum gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta taht il-mandat ta' arrest ta' Ingenji tal-Ajru [Kawtelatorju] Numru 1044/2015 mahrug fis-27 ta' Gunju, 2015, b'dan illi, din il-manutenzjoni regolari ghandha ssir minn M.C.M. Maintenance Centre Malta Limited, u dan a spejjez tas-socjeta rikorrenti.**

**Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**